# Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## RIK NRU 256/2021: **AGOSTINA SALIBA (KI. 42564G) V. DAVID PISANI (KI. 243467M)**

(META L-PARTIJIET JAGHTU VERZJONIJIET KUNFLIGGENTI U OPPOSTI GĦAL XULXIN – IL-VERITA' PROĊESSWALI TA' SPISS TKUN DIFFERENTI MINN DIK REALI)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**7 ta' Ottubru 2024**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Agostina Saliba (imsejjħa "ir-rikorrenti") ppreżentat fl-10 ta' Settembru 2021[1] li permezz tiegħu talbet lil David Pisani (imsejjaħ "l-intimat") sabiex jidher fid-data appuntata għas-smiegħ u jgħid 'l għaliex m'għandux jiġi kkundannat li:

> **'jħallas lill-attriċi s-somma ta' għaxart elef Ewro (€10,000) dovuti lilha għall-ħlas li għamlet fuq mobile home li hija reġistrata f'isem l-istess intimat;**
>
> **Bl-imgħaxijiet skond il-liġi. Bl-ispejjeż tal-preżenti proċedura u tal-ittra uffiċjali numru 925/2021.**
>
> **Bl-inġunzjoni għas-subizzjoni.'**

wara li rat ir-risposta tal-intimat ppreżentata fl-10 ta' Novembru 2021[2] li permezz tagħha wieġeb u ppremetta kif ġej:

1. **'Illi preliminarjament, l-esponenti jirrespinġi kull allegazzjoni magħmula minnha stante li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt;**

2. **Illi fit-tieni lok l-esponenti jissottometti li, fil-perjodu li r-rikorrenti għamlet fil-kumpanija tiegħu, jekk qatt sborżat xi ammont ta' flus, dan kien versu l-ħtiġijiet u l-bżonnijiet tagħha personali u bl-ebda mod bħala xi parteċipazzjoni jew xi self versu x-xiri ta' xi**

[1] Fol 1
[2] Fol 7

**assi kapitali wisq aktar versu x-xiri tal-mobile home proprjetà assoluta tal-esponenti li ġiet akkwistata minn fondi appartenenti esklussivament lilu;**

3. **Illi fit-tielet lok, u dan mingħajr preġudizzju għas-suespost, jekk hu spettanti minnu xi ammont, dan huwa paċut wara li jiġi stabbilit l-ammont dovut lill-esponenti da parti tar-rikorrenti versu kull ammont sborżat minnu versu l-manteniment tal-istess u l-użu minnha tal-propjeta' tiegħu u cioe' meta r-rikorrenti għal xhur sħaħ kienet tabita effettivament mal-intimat fil-mobile home tiegħu mingħajr qatt ma kkontribwixxiet xejn**

**Salv eċċezzjonijiet oħra;**

**Bl-ispejjeż tal-ittra uffiċjali responsiva Nru. 1326/21 fl-ismijiet premessi.'**

wara li semgħet ix-xhieda u qrat it-traskrizzjoni tat-testimonjanza tagħhom,

wara li rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti fil-kors tal-kawża inkluż l-affidavits li ġew ippreżentati,

wara li qrat in-nota ta' sottomissjonijiet finali ppreżentata mill-Avukat Dr. Natalia Camilleri għan-nom tal-intimat[3],

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Il-kawża tikkonċerna l-ammont ta' € 10,000 li r-rikorrenti tgħid li għandha tieħu mill-intimat bħala rifużjoni ta' flejjes li ħarġet għal *mobile home,* proprjetà tiegħu stess, fiż-żmien illi kienu f'relazzjoni intima bejniethom, filwaqt li l-intimat jiċħad li dan huwa l-każ u mhux biss jgħid illi huwa xtara din il-proprjetà bi flus appartenenti esklussivament lilu, iżda inoltre jgħid illi l-flejjes li setgħet ħarġet ir-rikorrenti fit-trapass ta' din ir-relazzjoni (bejn Marzu 2017 u Ottubru 2020) ma kienux għal din il-*mobile home* iżda kienu bħala kontribuzzjoni għall-ispejjeż tal-ħajja ta' kuljum. Mingħajr preġudizzju għad-difiża prinċipali tiegħu l-intimat jisħaq li jekk il-Qorti tiddeċiedi favur ir-rikorrenti, is-somma li tispetta lir-rikorrenti għandha tiġi paċuta mal-ammont dovut lilu minnha bħala spejjeż ta' manteniment u użu/abitazzjoni fil-*mobile home* in kwistjoni.

### Provi mressqa

2. Fiċ-ċirkustanzi dedotti mill-Qorti fil-verbal tad-9 ta' Mejju 2022 ossia fejn il-Qorti kienet irrevokat *contrario imperio* digriet li hi kienet tat fit-28 ta' Marzu 2022 li bih kienet għalqet il-provi tar-rikorrenti, bdiet xorta waħda billi semgħet ix-xhud inġunt dakinhar mill-intimat ossia **Vincent Vella**, il-persuna mingħand min l-intimat kien xtara l-*mobile home:*

[3] Fol 222-224

i. Ix-xhud qal li l-intimat David Pisani kien klijent tiegħu, b'dana li x-xhud huwa s-sid ta' *camping site* ġewwa l-Aħrax tal-Mellieħa. Huwa spjega kif l-intimat kellu *caravan* u bi tpartit kien xtara *mobile home* mingħandu stess. Il-kunċett ta' *mobile home* kien li wieħed ikollu żewġt ikmamar tas-sodda fuq ir-roti, ipoġġih x'imkien bħal pereżempju ġewwa l-*camping site* tiegħu, u jħallas il-kera ta' dik l-art. Huwa spjega kif kien sar kuntratt bejnu u bejn l-intimat quddiem Dr. Jason Grima.

ii. Qal li kien hemm dejn ta' € 27,000, li l-intimat David Pisani kien itih € 500 fix-xahar u li d-dejn inqata' fl-1 ta' Mejju tas-sena 2020. Mistoqsi min kien jagħmel dawn il-pagamenti huwa rrisponda li dan kien dejjem l-istess intimat.

iii. Spjega ukoll kif il-kera tal-art tan-nies li jgħixu fil-*camping site* titħallas lilu flimkien ma' miżata ta' € 60 li jsejjħilha "tal-komun". Qal li anke dawn kienu jitħallsu lilu minn David Pisani.

iv. Mistoqsi kienx jaf lir-rikorrenti Agostina Saliba huwa wieġeb li kien jaraha lilha u lil David Pisani flimkien u li ġieli mar għandhom ukoll. Kien jarahom deħlin u ħerġin mill-*campsite* u mill-*camper*.

v. Innega li qatt irċieva xi flejjes mir-rikorrenti. Mistoqsi rigward il-pagamenti rateali li kien qed jagħmel David Pisani huwa speċifika li l-ewwel wieħed kien ta' € 500 u li l-oħrajn kienu kollha ta' € 1,000 il-wieħed.

3. Permezz ta' nota datata d-9 ta' Awissu 2022 r-rikorrenti **<u>Agostina Saliba</u>** ppreżentat sett ta' *statements* mill-kont bankarju tagħha[4] li skond hi juru li regolarment kienet tiġbed il-flus sabiex tgħaddihom lil David Pisani.

4. Dakinhar stess ukoll ir-rikorrenti **<u>Agostina Saliba</u>** ppreżentat l-affidavit tagħha[5]:

i. Hija spjegat li kellha relazzjoni mal-intimat David Pisani u li huma bdew jgħixu flimkien fid-9 ta' Marzu 2017. Sussegwentement ir-relazzjoni intemmet f'Ottubru tas-sena 2020.

ii. Matul din ir-relazzjoni huma kienu jgħixu ġo appartament f'Marsaskala u f'ieħor fl-Imġarr fejn hija dejjem ħallset nofs il-kera.

iii. Ġara li fis-sena 2019 l-intimat xtara *caravan* fl-ammont ta'€ 10,000 u ħaduh fil-*campsite* tal-Aħrax tal-Mellieħa. Wara ċirca xahar raw *mobile home* fl-istess *campsite*, għoġbithom u ddeċidew li jixtruha bejniethom. Għalhekk kellmu lil sid il-*campsite,* Vincent Vella u skoprew li din *il-mobile home* kienet tiegħu. Ftehmu li l-*mobile home* tinxtara għas-somma ta' € 37,000 u li bħala parti mill-prezz, l-intimat jittrasferilu l-*caravan* (li ġie vvalutat € 8,000) u €

[4] Fol 32-139
[5] Fol 145 et seq. – Dok AS1

2,000 *cash.* Il-bilanċ ta' € 27,000 kellu jitħallas permezz ta' pagamenti ta' € 1,000 fix-xahar.

iv. Spjegat kif David u hi kienu ftehmu li kienu ser joħorġu s-somma ta' € 500 kull wieħed fix-xahar biex iħallsu l-bilanċ lil Vella.

v. Meta marru għand l-avukat tal-bejjiegħ sabiex jagħmlu il-kuntratt, l-istess avukat kien qalilha li peress li hija kienet għadha legalment mhux separata minn ma' żewġha ma setgħetx tidher bħala parti mill-ftehim. Għalhekk dakinhar ma kienetx iffirmat però sostniet li dejjem ħallset il-€ 500 fix-xahar lill-intimat Pisani li min-naħa tiegħu kien jgħaddihom lil Vincent Vella. Qalet li għamlet għoxrin-il pagament ta' € 500 il-wieħed u li issa tridhom lura. Sostniet li d-dokumenti bankarji juru li kienet tiġbed dawn l-ammonti ta' € 500 kull xahar.

5. Fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2022 ġie ppreżentat l-*affidavit* tal-intimat **David Pisani**[6] li ġie kkonfermat minnu bil-ġurament fl-istess seduta[7] tiegħu:

i. Huwa kkonferma li hu u Agostina Saliba kellhom relazzjoni sa mill-2017 u ċirka wara sena u nofs li kienu ilhom flimkien marru joqgħodu ġewwa *campsite* fil-Mellieħa f'karavan tat-tip Six Berth Knaus li kien propjetà tiegħu biss u li fuqu għadu jħallas il-*loan* tal-bank.

ii. Damu jgħixu fih xi erba' xhur meta imbagħad iddeċidew li jixtru *mobile home* u kien offra lil Agostina li tibqa tgħix miegħu fl-istess proprjetà.

iii. Hu kien xtara l-*mobile home* mingħand Vincent Vella u marru għand avukat jagħmlu kuntratt fit-18 ta' Frar 2019. Xtrah għall-prezz ta' € 37,000, fejn € 2,000 tħallsu kontanti dakinhar stess, ġie trasferit lil Vella l-karavan li kien stmat fl-ammont ta' € 8,000 u l-bilanċ kellu jitħallas b'pagamenti ta' € 1,000 fix-xahar. Dawn inqatgħu kollha fl-1 ta' Mejju 2021.

iv. Fl-aħħar sena kien ħallas ukoll xi imgħaxijiet lil Vincent Vella fl-ammont ta' € 83 fix-xahar għall-perjodu minn Marzu 2020 sal-aħħar pagament f'Mejju 2021.

v. Spjega kif Agostina qatt ma kkontribwixxiet għall-ħlas tal-*mobile home* u baqgħat tgħix miegħu sal-aħħar ġimgħa ta' Settembru 2020. Kien sar jaf li din telqet u marret tgħix lura ma' żewġha.

vi. Spjega kif meta kienu jgħixu flimkien ġewwa l-*mobile home* dejjem kien jixtri kollox hu u l-ispejjeż għall-ikel, dawl, ilma u xiri ta' *appliances* dejjem saru minnu. Qal però illi Agostina kienet itttih xi flus kull xahar sabiex tkopri xi ftit minn dawn l-ispejjeż, għalkemm l-ammonti kienu jvarjaw minn xahar għall-ieħor. Sostna illi dawn kienu spejjeż tal-ħajja u mhux xi ħlasijiet għall-

---

[6] Fol 157 et seq.
[7] Fol 155A et seq.

*mobile home.* Mhuwiex minnu, skond hu, illi hija kienet tħallsu € 500 fix-xahar biex jaqta' d-dejn tal-*mobile home* u billi hi qed tgħid li kienet tiġbed € 500 fix-xahar dan ma jfissirx li kienet ittihom lilu.

vii. Huwa baqa jħallas il-kera tal-art fl-ammont ta' € 195 fix-xahar.

viii. Qal ukoll kif meta kien ma' Agostina, fis-sena 2019 din ma tantx kienet tmur xogħol għaliex dejjem kienet bis-*sick leave* u qas biss kellha biex tixtri affarijiet bażiċi u għalhekk kien imantniha hu. Spjega li kellha ukoll xi dejn ma' ħabiba tagħha Marcella Curmi fl-ammont ta' € 1,000 u li hu kien għenha billi taha ċekk ta' € 600 (dokument anness mal-affidavit[8]).

6. Fis-6 ta' Marzu 2023 xehdet **<u>Agostina Saliba</u>** in kontro-eżami[9]:

   i. Għall-mistoqsija dwar x'kienet taħdem matul ir-relazzjoni li kellha mal-intimat hija qalet li kienet taħdem mal-Gvern *f'day centre* tal-anzjani. Hi kkonfermat li flimkien mal-intimat kienet avviċinat lil Vincent Vella sabiex iħallsuh € 1,000 fix-xahar fuq sentejn żmien.

   ii. Mistoqsija kienx hemm xi ftehim bil-miktub hija qalet li kienu marru għand avukat iżda ma setgħetx tiffirma minħabba li ma kienitx għadha legalment separata. Ikkonfermat li fuq il-kuntratt kien hemm firma tal-intimat u ta' Vincent Vella u li tagħha ma kienx hemm. Biss però sostniet illi hi dejjem ħarġet € 500 fix-xahar *cash* u li kienet ittihom lill-intimat. Mistoqsija kienitx illum separata hija qalet li kienet waqfet is-separazzjoni u li llum għadha miżżewġa.

7. Fis-17 ta' April 2023 xehed in kontro-eżami l-intimat **<u>David Pisani</u>**[10]:

   i. Dan ikkonferma li kellu relazzjoni ma' Agostina Saliba għall-ħabta ta' Marzu tas-sena 2017 u li din kienet intemmet fl-aħħar ġimgħa ta-Settembru tas-sena 2020.

   ii. Huwa qal kif l-ewwel kienu jgħixu Wied il-Għajn u wara marru l-Imġarr u li Agostina Saliba kienet tgħix miegħu.

   iii. Huwa speċifika li meta kienu Wied il-Għajn kien iħallas il-kera waħdu għaliex huwa kien jgħix fih minn qabel iżda meta marru l-Imġarr kienu jaqsmu l-kera.

   iv. Huwa nnega li Agostina dejjem ħallset nofs il-kera miegħu. Mistoqsi dwar kemm inxtara il-*caravan* huwa qal li kien ħallas € 14,000 u li Agostina Saliba qatt ma ħarġet flus għalih.

---

[8] Fol 164
[9] Fol 181 et seq.
[10] Fol 186A

v. Sostna li l-ftehim tax-xiri tal-*mobile home* kien bejnu u Vincent Vella biss u li ma kien hemm ħadd iktar magħhom.

vi. Huwa ċaħad li kien hemm xi ftehim bejnu u Agostina Saliba sabiex din toħroġ nofs il-bilanċ tal-ammonti pendenti lis-sid. Sostna illi kieku stess hija ma kienetx f'posizzjoni finanzjarja li tgħinu.

vii. Spjega li dak iż-żmien kien jaħdem bħala *nursing aid* u li Agostina kienet taħdem bħala *carer*,

viii. Mistoqsi jekk Agostina qattx għaddietlu flus fix-xahar huwa qal li iva kienet tgħaddilu però mhux € 500 fix-xahar.

ix. Dwar x'ġara dakinhar li ġie ffirmat il-kuntratt huwa kkonferma illi Agostina kienet marret miegħu. Sostna illi qatt ma kienu tkellmu li kellha tiffirma ukoll hi jew li kien ser ikollha xi sehem mill-*mobile home.* Ftit aktar tard qal ukoll però illi ma kienx jiftakar jekk kellix tiffirma u li ma setgħetx minħabba li kienet separata. Iktar tard ukoll qal li jidhirlu li kien hemm xi diskors f'dak is-sens.

x. Ikkonferma għal darb' oħra li kienet tgħaddilu xi ammonti fix-xahar, bejn mitejn u tlett mija u sittin, għall-ispejjeż tal-ħajja. Dawn il-ħlasijiet però mhux dejjem kienu isiru. Sostna ukoll illi qatt ma kienet ittiħ xi flus u tgħidlu illi dawk kienu għall-ħlas tal-*mobile home.*

xi. Mistoqsi għalfejn Agostina kienet akkumpanjatu dakinhar tal-iffirmar tal-kuntratt qal li forsi kellha l-intenzjoni li tipprova tidħol bi sħab miegħu iżda sostna li qatt ma kien hemm xi ftehim f'dak is-sens.

8. Fit-23 ta' Ottubru 2023 xehed in kontroeżami **<u>Vincent Vella</u>**[11]:

i. Huwa kkonferma li huwa mar biex jagħmel il-kuntratt tal-*mobile home* maż-żewġ partijiet jiġifieri ma' Agostina u David għand l-Avukat Jason Grima.

ii. Qal li qabel il-kuntratt in-negozjati dejjem kienu ma' David u li wara l-kuntratt dejjem kien hu li ħallsu. Mistoqsi minn kellu jiffirma l-kuntratt huwa qal li ma setgħax jiftakar. Rigward il-kwistjoni tas-separazzjoni u dwar li Agostina Saliba ma setgħetx tiffirma, ix-xhud qal li ma jiftakarx.

iii. Sostna li ma kienu nqalgħu l-ebda intoppi dakinhar tal-iffirmar u ma jiftakarx li kien inqala xi diskors dwar il-kwistjoni ta' separazzjoni tar-rikorrenti. Qal li filfatt ma jidhirlux li Agostina kienet tkellmet matul l-iffirmar.

iv. Mistoqsi min kien qabbad lil Dr. Grima ikkonferma li kien hu peress li kien l-avukat tal-kumpanija u kkonferma li kien qallu dak li xtaq fuq it-telefon. Mistoqsi jekk Dr Grima qattx kien bagħtlu xi abbozz huwa qal li sa fejn jaf hu

[11] Fol 193 et seq.

le u mistoqsi kienx hemm xi abbozz ieħor ipprintjat qabel ma ġie iffirmat dak li effettivament ġie iffirmat huwa qal li ma setgħax jiftakar.

v. Qal li Agostina qatt ma marret tħallsu u lanqas qatt ma marret ma' David fl-uffiċju tiegħu tal-*campsite*. David kien dejjem iħallsu *cash* u kien jagħtih riċevuta tal-VAT. Ikkonferma li d-dejn kien tħallas kollu u li l-ħlasijiet inkluż tal-kera dejjem kien jagħmilhom David.

vi. Mistoqsi reġax iltaqa' ma' Agostina wara l-kuntratt qal li kien jarahom għax kienu jgħixu hemm. Ġieli kien jitkellem magħha iżda mhux fuq il-kuntratt li kien ġie ffirmat.

9. Fis-seduta tat-18 ta' Marzu 2024 reġa' xehed in kontro-eżami **<u>David Pisani</u>**[12]**<u>:</u>**

i. Mistoqsi fejn kien jaħdem dak iż-żmien huwa qal li kien jaħdem l-Isptar Mater Dei u li kien jaqla' salarju bażiku ta' € 1,300. Mistoqsi allura kif kien jaffordja jagħmel pagamenti ta' € 1,000 fix-xahar waħdu huwa qal li kien iġemma,

ii. Huwa nnega li kien mar ma' Agostina għand l-Avukat Chris Said sabiex jagħmlu ftehim fis-sens li kienet ser ittih € 500 fix-xahar. Iktar tard qal li ma jiftakarx.

10. Fl-istess seduta xehdet għal darb' oħra ukoll in kontro-eżami **<u>Agostina Saliba</u>**[13]:

i. Mistoqsija għalfejn qatt ma' għaddiet il-pagament lil Vincent Vella direttament hija qalet li kienet tatihom lil David għaliex kienet tafdah. Kienet tatih € 500 fl-ewwel ġimgħa tax-xahar però ġieli ma kienitx tiġbidhom kollha f'daqqa.

ii. Dwar kemm kienet ilha tgħix miegħu fil-<u>mobile home</u> hija qalet li kienet ilha xi erba' snin. Kienet tikkontribwixxi ukoll għall-ikel, għamara u affarijiet oħra tal-ħajja. L-*istatements* bankarji juru ħafna transazzjonijiet li saru Għawdex għaliex kienet tmur tara lit-tifel tagħha ġewwa l-gżira t'Għawdex u kienet tiġbed il-flus qabel tirkeb il-vapur.

iii. Ikkonfermat li David kien għaddilha xi flus biex tħallas dejn li kellha ma terzi u li qatt ma kienet tatomlu lura.

## Kunsiderazzjoni

11. Ir-rikorrenti intavolat dawn il-proċeduri sabiex tiġbor is-somma ta' € 10,000 litgħid li tat lill-intimat, waqt li kienu f'relazzjoni flimkien, bħala parti mill-prezz tal-*mobile home.* Mill-banda l-oħra l-intimat qed jikkontendi illi dan ma kienx veru stante li l-flus li hija setgħet nefqet fit-trapass ta' din ir-relazzjoni kienu għall-ħajja ta' kuljum.

---

[12] Fol 213 et seq.

12. Mingħajr preġudizzju l-intimat jgħid ukoll illi jekk jirriżulta xi ammont pendenti lir-rikorrenti dan għandu jitqies li ġie paċut mal-flus li huwa ħallas sabiex imantni lir-rikorrenti u għall-użu minnha tal-*mobile home* in kwistjoni.

13. Il-Qorti tagħraf illi bejn dak li jallega l-intimat u dak li tgħid ir-rikorrenti hemm baħar jaqsam. Kif qalet din il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Galea v. Maria Dolores Briffa** (Rik. Nru. 422/2012 MLF, 23/02/2022):

   "F'każijiet bħal dawn meta l-partijiet jagħtu żewġ verżjonjiiet tal-fatti li huma kunfliġġenti jew opposti għal xulxin, huwa risaput li l-Qorti għandha teżamina jekk xi waħda minn dawn il-verżjonijiet teskludix lill-oħra fuq is-soliti kriterji tal-kredibilità, tal-konsistenza u verosomiljanza. F'kawżi ta' natura ċivili, dan l-eżerċizzju l-Qorti għandha tagħmlu fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi li joħolqu fil-ġudikant il-konvinzjoni li jaċċetta verżjoni u jeskludi l-oħra."

   Hekk ukoll fis-sentenza fl-ismijiet: **John Bonnici v. Richard Vella** (PA, Rik. Nru. 103/2011 GM, 04/07/2019) intqal illi:

   "In tema legali jiġi osservat li huwa prinċipju fil-ġurisprudenza li f'każ ta' żewġ verżjonijiet diametrikament opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bażi għall-prinċipju li onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat (App. Inf. Anthony Camilleri vs Maurice Cauchi et – 22 ta' Novembru 2002). Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fiċ-ċitazzjoni. Mill-banda l-oħra pero` mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u ikollha taqa' fuq ir-regola "in dubio pro reo". Il-konflitt tal-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għall-iżbalji tal-perċezzjoni tiegħu u għall- passjoni, huwa ħaġa li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti għaliha, imma meta dan il-kunflitt ma jkunx ġej minn sempliċi differenza ta' opinjoni fuq affarijiet li jippermettu ċertu grad ta' tolleranza u li għalihom sewwa ingħad "tot homines tot sentetiae", u lanqas ma jkun ġej minn versjonijiet differenti "bona fide" fuq inċidenti li jiġru u jintemmu malajr u għallarrieda eż. identità, veloċità ta' veikoli, u ċirkostanzi oħra subitanei li fuqhom skont l-esperjenza komuni, is-sensi jistgħu jitqarrqu, imma għall-kuntrarju dan il-konflitt ikun jirrigwarda fatti u abitudinijiet li jkunu setgħu ġew osservati f'perjodu twil ta' snin bħal f'dan il-każ, allura isir ċar li wieħed mill-kontendenti jkun ħalla l-interess u l-passjoni tiegħu jegħlbuh u b'hekk jabbuża mill-proċess ġustizzja. Meta l-każ ikun hekk, il-Qorti m'għandhiex taqa' ċomb fuq l-iskappotoja tad-dubju, imma għandha teżamina bl-ikbar reqqa jekk xi waħda mill-verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji ta' kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u versosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke jekk fuq bilanċ tal-probabilità u preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawżi ċivili, huma ġeneralment sufficjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant...

   ... In materja ta' provi, ir-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament ġuridiku tagħna jidhru li huma dawn:

   a) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piż tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ġġib il-prova tal-eżistenza tiegħu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bażi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut għas- sostenn tal-fatt miġjub minnu biex jikkontrasta l-pretiża talattur (reus in excipiendo fit actor) – Ara Vol. XLVI, P.i, p.5.

b) Fil-kors tal-kawża dan il-piż jista' joxxilla minn parti għall-oħra, għax, kif jingħad, 'jista jkun ġie stabbilit fatt li juri prima facie li t-teżi tal-attur hija sostenuta – Ara Vol. XXXVII, P.i, p.577;

ċ) Il-ġudikant adit mill-meritu tal-każ hu tenut jiddeċiedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-deċiżjoni tiegħu tiġi estratta unikament millallegazzjoni tal-partijiet. Jiġifieri, minn dawk iċ-ċirkustanzi tal-fatti dedotti għabbażi tad-domanda jew tal-eċċezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piż tal-provi ssir bażi tar-regola legali tal-ġudizzju in kwantu timponi fuq il-ġudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru għax mhux ippruvat;

d) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-prinċipju tal-konvinċiment liberu talġudikant. Lilu hu mogħti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-riżultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaża l-konvinċiment tiegħu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji għall-formazzjoni talkonvinċiment tiegħu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tiegħu hi soġġetta għal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jrid li fis-sentenza tingħata motivazzjoni raġonata li tikkonsenti l-kontroll tal-ħsieb loġiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-loġika u r-razzjonalità, kif ukoll koerenti mal-elementi utilizzati allura skont ġurisprudenza konkordi, ma tiġix disturbata minn Qorti ta' reviżjoni"

Il-Qorti tagħmel riferenza ukoll għas-sentenza mogħtija fl-ismijiet: **<u>Gaetana Mamo v. Therese sive Tessie Mercieca et.</u>** (Ċit Nru. 1547/1997/1 PS, 26/10/2005) fejn inghad illi:

"in bazi ghad-dritt probatorju, kull parti ghandha f'kaz bhal dan id-dmir li taghti prova ta' l-ezistenza tal-fatt allegat, favorevoli ghat-tezi taghha. L-oneru hu distribwit b'mod li l-attrici trid tipprova l-fatti kostituttivi tad-dritt azzjonat minnha ("actori incumbit probatio") mentri l-konvenuti huma tenuti jipprovaw il-fatt minnhom allegat kostitwenti l-kontroprova offerta biex tikkuntrasta il-pretiza ta' l-attrici ("reus in excipiendo fit actor"). Ara Kollez. Vol. XLVI P I p 5. Naturalment, il-piz probatorju tal-konvenuti jinsorgi konkretament fil-kaz biss li l-attrici tkun ressqet prova tal-fatti posti bhala bazi tad-domanda taghha. Dan ghaliex in-nuqqas jew insufficjenza tal-prova tac-cirkostanzi dedotti mill-konvenuti biex tikkonfuta l-pretensjoni ta' l-attrici ma jiddispensax lil din mill-oneru li tiddemostra adegwatament il-legittimita u l-fondatezza tal-meritu tat-talba taghha".

14. Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Mario Farrugia v. Jonathan Pellegrini</u>** (Avviż tat-Talba numru: 356/2016 KCX, Tribunal għal Talbiet Żgħar, deċiża 31/10/2019) it-Tribunal elenka b'mod mirqum sitwazzjoni, pjuttost komuni, fejn l-ġrajja proċesswali tippreżenta żewġ estremi bħal dawk in diżamina, f'liema każ il-kompitu ta' min huwa msejjaħ jiddeċiedi jsir ferm aktar diffiċli u ardwu:

"F'tali cirkostanzi, il-qrati taghna ghallmu li, "*fl-esperjenza forensika, f'kwazi kull process, ghal kull min jezamina l-provi bl-ahjar reqqa, ghandha temergi xi cirkostanza, jew xi serji ta' cirkostanzi, li tispikka fost il-matassa tal-provi u jkollha forza perswadenti qawwija, jekk mhux konklusiva, tal-kas*" (**Gio Maria Agius v. Giuseppe Agius et**, Appell Superjuri, 30 ta' Gunju, 1969; mhux pubblikata). Izda jigi wkoll mistqarr li dan mhux dejjem possibbli, aktar u aktar meta, il-provi ghar-rigward ikunu ta' natura kemmxejn skjetta, akkumpanjati minn verzjonijiet

dijametrikament opposti wahda ghall-ohra (hekk kif inhu l-kaz *de quo*). F'tali sitwazzjonijiet, certu normi tal-Ligi u numru ta' principji guridici jissokkorru lil gudikant sabiex jaghtuh kejl ta' mizurazzjoni ai finijiet ta' decizjoni.

Dan it-Tribunal jerga' jiehu l-opportunità, kif ghamel f'okkazzjonijiet precedenti,illi jirrimarka li m'ghandux ikun skontat il-hsieb ta' xi kontendent li jahseb bis-segwenti manjiera: «Ghandi ragun, u min ser jismani u jiggudikani ghandu tabilfors jintebah!» Tali ragunament, wahdu, ma jaghtix lok, u lanqas ma jista' qatt iwassal, ghas-sitwazzjoni li l-gudikant ser jirrikonoxxi bhala awtomatikament pruvata n-narrazzjoni ta' fatti minn xi parti. Dan hu proprju l'ghaliex il-verità processwali – aktar iva milli le – ta' spiss hi ferm differenti minn dik reali u allura, hi necessarja certa kollaborazzjoni da parti tal-parti (attur jew konvenut) mal-patrocinatur taghha u ta' dan ta' l-ahhar ma' l-enti gudikanti sabiex iz-zewg veritajiet jikkombacjaw, jigu sinkronizzati u jikkoezistu f'armonija reciproka fl-atti processwali tal-kaz. Dan isehh permezz tal-filtru tal-evidenza (i.e., il-provi) li titressaq f'kawza quddiem min huwa ultimament imsejjah biex jiggudika. Tramite tali gharbiel procedurali, il-verità reali, li jafu solament il-litiganti, tigi mressqa f'forma guridika, oggettiva u konkreta lill-enti gudikanti ghall-iskrutinju taghha. B'tali mod, dik il-verità – li qabel tkun biss fl-isfera personali ta' parti jew ta' ohra mill-litiganti – tinbidel f'verità processwali, ossia f'fattur konkret u f'fatt guridikament valevoli li jivvinkola lill-gudikant li jqis, jizen, jixtarr u jiggudika dwaru. Ghalhekk, huma l-provi li jiddeterminaw kawza u mhux l-aspettattivi tal-partijiet.

Ghal min qed jiggudika, xejn ma huwa skontat u xejn m'hu ovvju. Gudikant adit minn mertu ta' procediment ghandu jfassal id-decizjoni tieghu fuq l-bazi tal-materjal probatorju li l-kontendenti jressqu quddiemu, u ghal tali materjal – in virtù tal-principju ta' *iura novit curia* – japplika n-norma ritwali rilevanti u dik sostantiva l-aktar attinenti. In effetti, il-principju konsagrat fl-Art. 562 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, skond liem min hu tenut jiggudika ghandu l-obbligu jaghmel hekk "iuxta allegata et probata", jimporta illi d-decizjoni emessa tkun mehuda unikament in bazi ghall-allegazzjonijiet konkretament pruvati, cioè mic-cirkostanzi fattwali u guridici dedotti in fondament ghad-domanda jew ta' l-eccezzjoni, u dejjem mehuda in bazi tal-provi forniti mill-partijiet litigandi. Tali norma hija ntiza biex tassigura d-debitu rispett tal-principji fundamentali tal-kontradittorju, u timpedixxi li parti tissubixxi decizjoni bazata fuq fatti ghaliha injoti jew skonoxxuti in relazzjoni ta' liema l-istess parti ma setghetx tiddefendi ruhha jew tesprimi opinjoni jew sottomissjoni dwarhom. Il-principju tad-disponibilità tal-provi ghandu jkun intiz bhala vinkolu ghall-gudikant fl-accertament tal-fatti mressqa mill-kontendenti, fis-sens illi jekk il-partijiet ma joffrux provi diretti ghal tali accertament, il-gudikant ma jistax – fl-assenza ta' norma li tiddetta kuntrarjament – jipprovdi hu stess u jissostitwixxi, *motu proprio*, il-mankata inizjattiva ta' min kien primarjament interessat li jressaqha. Huwa ghalhekk li l-ordinament guridiku taghna jhaddan massimi Latini bhal "quod non est in actis non est in mundo", "secundum acta et probata non secundum privatam scientiam" u "non refert quid notum sit judici si notum non sit in forma judicii".

Tali massimi huma riflessi u abbraccjati fid-decizjonijiet, fost ohra, *in re* **Carmelo Zammit v. Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp** (Qorti Kummercjali, 10 ta' April, 1995) u *in re* **Michael Debono et v. Joseph Zammit et** (Prim'Awla, 30 ta' Gunju, 2010). In kongunta ma' din l-ahhar asserzjoni, hu rilevanti dak affermat mil-awtur **AURELIO SCARDACCIONE** ("Le Prove",

UTET 1965; §3, p. 8) meta jghid illi, "*il giudice nella formazione o preparazione del materiale, che a lui occorre per pervenire alla decisione della controversia, sceglie i fatti su cui giudicare e, nell'operare tale scelta, si avvale solo dell'attività probatoria svolta dalle parti nell'ambito del processo.*"

Issa, il-procediment odjern huwa ta' indole civili u ghalhekk l-oneru huwa mixhut fuq l-attur li hu dik il-parti li qed tallega certa fatti ai termini tac-citat Art. 562 tal-Kodici ta' Procedura Civili. Dan mhux mistenni li jipprova l-kaz tieghu lil hinn minn kwalsiasi dubju dettat mir-raguni (i.e., "beyond reasonable doubt") hekk kif rikjest fi procedimenti ta' natura penali. Hawnhekk, il-grad ta' prova huwa li l-attur jipprova l-pretensjoni tieghu fuq bilanc ta' probabilitajiet (i.e., "preponderance of the evidence" jew "balance of probabilities"). Tali *standard* jintlahaq jekk il-pretensjoni jew allegazzjoni ghandha aktar mis-sewwa milli le meta mpoggija fl-isfond fattwali tal-grajja. Tali *standard* jigi sodisfatt bil-produzzjoni ta' provi idoneji u sufficjenti li jaghtu piz lill-allegazzjoni ta' xi parti. Skond **LORD DENNING J**., fil-kaz ta' «Miller v. Minister of Pensions» ([1947] 2 All ER 372), hu jispjega din in-norma procedurali hekk: "*If the evidence is such that the tribunal can say: 'we think it more probable than not', the burden is discharged, but if the probabilities are equal it is not*." Ukoll interessanti hi l-asserzjoni maghmula minn **LORD HOFFMAN J**. fil-kaz ta' «Re B» ([2008] UKHL 35) fejn sostna dan: "*If a legal rule requires a fact to be proved (a 'fact in issue'), a judge or jury must decide whether or not it happened. There is no room for a finding that it might have happened. The law operates a binary system in which the only values are 0 and 1. The fact either happened or it did not. If the tribunal is left in doubt, the doubt is resolved by a rule that one party or the other carries the burden of proof. If the party who bears the burden of proof fails to discharge it, a value of 0 is returned and the fact is treated as not having happened. If he does discharge it, a value of 1 is returned and the fact is treated as having happened*."

Kif gie osservat minn dan it-Tribunal, kif presjedut, fis-sentenza *in re* **Ivan Blazek v. Personal Exchange International Ltd** (European Small Claims Procedure, 21 ta' Marzu, 2018)**,** "*From the Tribunal's viewpoint, it is rather like a pair of scales – to win the case one needs to tip them a little bit past level. Therefore, if a judge reaches the conclusion that it is fifty per cent (50%) likely that the plaintiff is in the right, the plaintiff will have his case rejected or dismissed. On the other hands, if the judge reaches the conclusion that it is fifty one per cent (51%), or more, likely that the plaintiff is in the right, then the plaintiff will win the case. In the present case, it is the plaintiff who is 'burdened' to prove his allegations against the defendant company.*"

15. Fid-dawl ta' dak premess, kien kompitu tar-rikorrenti li tipprova l-każ tagħha fid-dawl tan-negazzjoni assoluta tal-intimat. Fi kliem ieħor meta r-rikorrenti ġiet rinfaċċjata bil-linja difensjonali tal-intimat u kif ukoll kellha okkażjoni ampja illi twieżen dak li ġie allegat kontra l-pretiża tagħha, hija kienet fid-dmir li min-naħa tagħha tressaq provi adegwati biex tinnewtralizza dak li kien qed jgħid l-intimat. Sa mill-bidu nett, ir-rikorrenti kienet konsapevoli li l-intimat kien qed jikkontendi li r-rikorrenti qatt ma ħarġet xejn sabiex jitħallas il-bilanċ tal-pagamenti għax-xiri tal-*mobile home.* Mela allura wieħed kien jistenna li r-rikorrenti tattiva ruħha adegwatament biex turi li l-intimat ma kienx qed igħid is-sewwa.

16. In sostenn tal-pretiża tagħha r-rikorrenti esebiet numru konsiderevoli ta' *statements* bankarji li juru d-dħul u l-ħruġ mill-kont tas-*savings* tagħha matul perjodu ta' snin, ossia' minn Marzu 2018 sa' Settembru 2021. Il-Qorti fliet dawn id-dokumenti b'lenti forensika u għandha s-segwenti xi tgħid dwar il-valur probatorju tagħhom:

    i. Ibda biex mhuwiex il-każ illi dawn id-dokumenti juru li r-rikorrenti kienet qed tiġbed l-ammont ta' € 500 b'mod regolari, wisq anqas li kienet qed tagħmel hekk fil-bidu tax-xahar. Filfatt jirriżulta illi minn dakinhar li ġie iffirmat il-kuntratt sat-tmiem tar-relazzjoni bejn il-kontendenti, l-ammont **eżatt** ta' € 500 inġibed seba' darbiet (u mhux għoxrin darba) ossia' fit-22 ta' Marzu 2019, fit-28 ta' Settembru 2019, fit-30 ta' Jannar 2020, fid-29 ta' Frar 2020, fl-1 ta' April 2020, fit-30 ta' Mejju 2020 u fil-5 t' Ottubru 2020.

    ii. Jirriżulta illi fuq din l-istess medda ta' għoxrin xahar (jiġifieri bejn meta ġie ffirmat il-kuntratt f'Marzu 2019 u meta ntemmet ir-relazzjoni bejn il-partijiet f' Ottubru 2020) kien hemm *withdrawals* fl-ammont medju ta' **€ 698.50 fix-xahar.** Mad-daqqa t'għajn u in iżolament dan il-fatt jista' jagħti x'jifhem illi tabilħaqq ir-rikorrenti kienet qed tiġbed l-ekwivalenti ta' € 500 fix-xahar (dwar għal xiex kienet qed tiġbidhom hija kwistjoni oħra) apparti xi ħaġa żgħira għall-ħajja.

    iii. Madanakollu ta' importanza kruċjali huwa l-fatt illi jirriżulta lill-Qorti ukoll illi fil-perjodu ta' ħdax-il xahar **wara li spiċċat ir-relazzjoni** (ossia' bejn Novembru 2020 u Settembru 2021 li huwa l-aħħar xahar li huwa kopert bl-*istatements* bankarji) kien hemm *withdrawals* fl-ammont medju ta' **€ 827.27 fix-xahar.** Anke jekk tneħħi l-ammont ta' € 3,590 li nġibed f'darba waħda (fis-7 ta' Awwissu 2021) u li jista' jagħti stampa falza tal-medja (dak li bl-Ingliż jissejjaħ *a skewed result*), l-ammont medju jinżel għal € 500 fix-xahar. Wieħed kien jistenna illi li kieku r-rikorrenti verament kienet qed tiġbed, anke permezz ta' numru ta' transazzjonijiet, l-ammont ta' € 500 kull xahar, dan kien jiġi rifless f'tnaqqis ekwivalenti fil-perjodu li ma baqgħetx tgħix miegħu, mentri dan m'huwiex il-każ.

    iv. Anke jekk wieħed iqis il-perjodu ta' **qabel** ma ġie ffirmat il-kuntratt relattiv, ossia bejn id-9 ta' Marzu 2018 u t-28 ta' Frar 2019, fuq medda ta' tnax-il xahar ir-rikorrenti kienet ġibdet medja ta' € 440.79 fix-xahar u dan f'perjodu meta żgur ma kienetx qegħda tagħmel l-ebda ħlasijiet tal-*mobile home* lill-intimat. Meta tqabbel tali perjodu mal-perjodu ta' wara l-iffirmar tal-kuntratt, meta r-rikorrenti tgħid li kienet qed tiġbed € 500 fix-xahar, hemm differenza biss ta' € 257.70 (medja ta' *withdrawals* fix-xahar, ossia' € 698.50 - € 440.79) li huwa għalhekk ferm inqas minn dak ta' € 500.

17. Għalhekk il-provi dokumentarji esebiti mir-rikorrenti stess bl-ebda mod ma jagħtu sostenn lill-posizzjoni tar-rikorrenti. Anzi, jekk xejn tali provi jxaqilbu sew l-miżien favur it-teżi tal-intimat.

18. Dan il-fatt, flimkien mal-verżjonijiet dijametrikament opposti tal-kontendenti, iwasslu sabiex il-Qorti tiddeċiedi li r-rikorrenti ma seħħiliex tressaq provi sufficjenti sabiex tipprova l-każ tagħha.

**Deċiżjoni**

19. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi minn din il-kawża billi tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontriha.**

V.G. Axiak — Maġistrat

Y.M. Pace — Dep. Reġistratur